

# Il-Munxar ta' Tfuliti ...

**minn *Francis Mercieca***
**© 2005**

# 7. Fis-saħħa... fil-mard

*Fiż-żmien li fuqu qegħdin nitkellmu, jiġifieri t-Tletinijiet u l-bidu tal-Erbgħinijiet, l-imwiet tat-trabi kienu, kif ġa għidna f'ħarġa oħra, wisq iktar spissi. Illum rari biex tmut tarbija. Ħafna mill-imwiet kienu jkunu kkaġunati minn nuqqas ta' iġjene, nuqqas ta' tilqim, nuqqas ta' kura waqt it-tqala u nuqqas ta' mediċini oħra. Fin-nuqqas ta' dawn, sew in-nies tal-Munxar kif ukoll il-bqija ta' Għawdex u Malta kienu jserrħu fuq il-mediċina popolari għall-fejqan tal-mard sew taż-żgħar kif ukoll tal-kbar. Illum nafu li dan it-twemmin ftit li xejn kien jiswa u mhux ta' min jorbot fuqu.*

*Kien għad hawn id-drawwa li t-trabi morda jniżżluhom fil-qabar ta' San Karrew, il-Qala. Kelli oħti iżgħar minni, Karmena, li meta mardet, barra li ommi libbsitha ta' soru għal perijodu ta' żmien, ħadniha u niżżilniha f'dan il-qabar. Kont trid tinżel għalih, mingħalija, b'xi taraġ tal-injam u mbagħad il-mara li kienet tieħu ħsieb kienet tgħid xi talb fuq it-tarbija. Dak li jkun kien jagħmel minn kollox biex isalva ħajja.*

*Għad li fi żmien il-gwerra kien hawn ħafna nuqqasijiet, hawn il-Munxar ħadd ma kien nieqes mill-ikel, għax mir-raba' kulħadd kien idabbarha.*

*Kif ktibna drabi oħra, barra x-xiri tad-dqiq kulħadd kien jidħan xi qabda qamħ, xgħir jew maħlut. Il-qamħ u l-maħlut kienu ppreferuti mix-xgħir għax ix-xgħir kien jagħmel ħobż iswed li, avolja tajjeb, kien ikkunsidrat bħala tal-klassi l-baxxa.*

*Id-dqiq kienu jeħduh għand tal-forn, iferrgħuh ġol-lembija, iħalltulu naqra ħmira miegħu u jagħġnuh. Wara jgħattuh biex bis-sħana jitla' u mbagħad iqattgħuh ħobża ħobża*



**Il-knisja tal-*Kunċizzjoni*, *il*-Qala, fejn *hemm il*-qabar ta' San *Kerrew***

*u jpoġġuh ġol-forn li diġà jkun moħmi, billi l-furnar ikun ħaraq ġo fih ħafna xewk, ħatab u ħami ieħor. Mill-għaġina li kien jibqa' mwaħħla mal-lembija kienu jagħmlu l-kagħka tal-għerika jew inkella kagħak li kien jissajjar ġol-forna. Il-forna kienet kamra mibnija fuq il-bejt tal-forn proprju, li kienet tant tisħon li dawn il-kagħak kienu jitpoġġew ġo fiha flok fil-forn sakemm isiru. Kienu jitqarqċu u jsiru ebsin daqs galletta.*

*Ġol-forn kienu jagħmlu wkoll il-ftajjar bis-sardin jew biz-zokkor, imma l-iktar bil-ġbejniet tan-nagħaġ u bajd imkisser u mħawdin ma' xulxin. Illum ngħidulha pizza. Kienu jagħmlu wkoll xi turtiera pastizzi jew qassatat bil-ful meta jkun żmienu u xi dixx patata jew imqarrun. Meta l-forn ta'* Peppi *ma kienx jaħmi l-Ħadd, kienu jtellgħu x-xiwi r-Rabat fejn dejjem kont issib xi forn miftuħ.* Għall*-Milied kienu jsiru wkoll il-kagħak tal-għasel, l-iktar meta bdew deħlin fid-djar xi fran li kienu jissaħħnu b'xi kuċiniera tal-ftejjel. Il-forn, bħall-għajn li minnha kienu jġorru l-ilma, kien iservi wkoll għan-nisa bħala post fejn jissoċjalizzaw ma' xulxin, jibdlu l-aħbarijiet u jaqsmu l-ferħ u d-dwejjaq tal-ħajja.*

*L-iktar ikla komuni ta' kuljum kienet aktarx il-minestra li xi rgiel kienu jieklu mhux minn ġo platt iżda minn ġo żingla żgħira. Stuffat tal-fenek jew xi tiġieġa jew serduq kienu jitħallew għal nhar ta'* Ħadd *jew nhar ta' festa, li dari kien hawn ħafna iktar festi kkmandati mil-lum. Xi kawlata bil-majjal jew xi platt kirxa ma kienux jonqsu, u l-anqas xi borma ravjul, meta tqis li kważi kulħadd kien irabbi xi nagħġa jew tnejn għall-ġbejniet kif ukoll xi żewġ tużżani tiġieġ ġol-bitħa. It-tiġieġ kienu jkunu minn tagħhom stess billi kienu jpoġġu l-qrajjaq. Għalhekk ħafna nies kienu jfittxu l-bajd tas-serduq għall-qroqqa u min kien ikollu s-serduq ta' tużżana bajd kien jiġbor tlettax.*[1] *Id-dar tagħna t-tiġieġ kienu jkunu merħijin il-Wied u mhux darba jew tnejn li telgħet qroqqa bil-flieles warajha. Meta ommi ma kenitx tkun taf fejn kien ikun il-maqgħad tal-bajd, kienet torbot ġolġol ma' sieq il-qroqqa u toqgħod tissemmalha biex tara fejn sa tidħol.* Dejjem sabitha l-bejta! *Meta tiġieġa ma kenitx tkun tista' tbid il-bajda, kienu jgħidu "għandha l-bajda mdawra", imbagħad kienu jpoġġuha ġo xkora u jgerrbuha t-taraġ. Ma nistax ngħid jekk din l-operazzjoni kenitx tirnexxi. Povra tiġieġa: dejjem setgħet issir brodu!*



**Il-*bejjiegħ* tal-ħut, persunaġġ *li* sa*b* post ukoll fil-presepju tra*dizz*jona*li* Malt*i***

*Il-ħut kien iktar abbundanti mil-lum għax xi sajjied, aktarx* Wenzu l-Bibu *li semmejnih fl-aħħar ħarġa tar-rivista, kien jitla' mix-*Xlendi *kważi kuljum b'kannestru ħut frisk, il-qabda ta' dakinhar, u jagħmel id-dawra tal-*Munxar *u jibqa' sejjer lejn ta'* Sannat*. Fi żmien iktar bikri kien hemm* Franġiska Debrincat *tal-*Boqloq*, li xi nies kienu jordnawlha l-laħam, zalzett, mazzit jew kirxa u hi kienet titla' tixtri għal kulħadd mir-*Rabat*. Biż-żmien beda jiġi* Wenzu Abela *ta'* Najra *bil-karrettun tad-debba u kien ibigħ il-laħam u l-ħaxix minn fuqu. Fi żmien il-gwerra beda jintaħan anke l-qamħirrum, u minnu kienu jsiru ħbejżiet jew inkella kien jissajjar minflok il-minestra. Din it-tisjira konna ngħidulha tagħsida tal-qamħirrum.*

Kien hawn *id-drawwa li billi ħafna rġiel kienu jaħdmu l-barrieri jew joħorġu fir-raba' għal ġurnata sħiħa, in-nisa jew it-tfal tagħhom kienu jeħdulhom l-ikel sħun fuq il-post tax-xogħol ħafna drabi darbtejn kuljum: fnofsinhar u l-kafè għall-ħabta ta' l-erbgħa. Il-kafè sew dak ta' filgħodu kif ukoll dak ta' filgħaxija kien ikun bil-ftiet u ġo skudella kbira. Jien domt żmien nieħu l-ikel lil missieri*

*li dik il-ħabta kien jaħdem il-barriera tal-Gvern ix-Xewkija, fejn illum hemm il-kajselli. In-nisa ġeneralment ma kienux joħorġu jaħdmu ħlief biex iwieżnu xi ftit lill-irġiel fir-raba', iżda bħala regola ġenerali kienu joqogħdu fuq il-għatba jaħdmu xi punt bizzilla.*

*Kien jinxtara wkoll ħafna tonn, sardin u salamun li kienu jiġu minn barra mmelħin f'landi kbar. Li kien jipprovdi r-raba' ma kienx jinħela jew jintrema iżda jinħażen: żebbuġ (min kien ikollu xi siġra kien jagħmlu fis-salmura), tin li kien jitqadded bħat-tadam, kif ukoll bajtar tax-xewk li kien jinqata' u jintrefa' bħall-bettiħ fuq il-bejt fejn kienu jorqdu wkoll xi nies fil-jiem sħan tas-sajf. L-uċuħ tar-raba' meta kienu jkunu qiegħdin jilħqu, l-iktar il-bħajra (għalqa bettiħ), kienu jiġu ndukrati u mgħassin sewwa u ħafna mill-bdiewa kienu jibnu għarix u jmorru jorqdu fih.*

*Nhar ta' Ġimgħa ma kienx jista' jittiekel laħam, barra li ħafna nies lanqas kienu jieklu laħam nhar t'Erbgħa jew nhar ta' Sibt b'wegħda. Is-sawm kien iktar iebes u r-Randan kien itwal u kulħadd kien josservah. Fil-festa tad-Duluri kien ikun hemm xi tfal li jsumu s-seba' bukkuni. Kienu jittalbu seba' bukkuni u kienu jgħaddu bihom il-ġurnata kollha.*[2]

*Kif għidna fil-bidu, waqt il-mard in-nies kienet isserraħ fuq ħafna twemmin li llum nafu li ħafna minnu kien għal xejn għax ma kienx ifejjaq, u kienu jemmnu ħafna ħmerijiet oħra, bħal meta kienu jgħidu li meta t-tfal jaqilgħu sinna meta jmutu jridu jiġbruha bix-xfar t'għajnejhom u allura meta jaqilgħu xi waħda jridu joqogħdu attenti biex jaraw fejn ipoġġuha. Iz-zija Gerita, ta' Minku, kienet tħobb iżżomm iż-żejt taż-żagħruna u ħafna nies kienu jiġu għandha biex tidilkilhom minnu fuq xi ġerħa jew ferita. Kienet iżżommu ġol-fliexken u ċċappas minnu b'rixa lil kull min jitlobha. Daż-żejt kien ikun magħmul mill-fwied taż-żagħruna (ħuta) li kien jitpoġġa fix-xemx biex jinħall. Kien ikun jinten seba' pesti.*

*Ħafna ħxejjex kienu jinġabru u jitnixxfu għal okkażjoni ta' mard differenti: il-kamomilla, il-fidloqqom, il-fejġel, denb iż-żiemel, eċċ. Għas-sogħla kienet tissaħħan sufa (biċċa drapp jew ħwejjeġ tas-suf ) mat-tubu tal-lampa tal-pitrolju u titpoġġa sħuna fuq is-sider biex "is-sogħla ssir". Id-duwa tas-suffejra jew rabarbru kienet tinxtara minn għand xi ħadd mir-Rabat għall-qatgħa, u għall-ħass ħażin kien jinxtamm ħall il-ward li kien magħmul mill-petali taċ-ċentufolja. Dan kien isir billi l-petali taċ-ċentufolja kienu jitħallew magħluqa fi flixkun fix-xemx għal xi jiem u minnhom kien joħroġ likwidu, li miegħu mbagħad kien jinżied il-ħall. Biex tnizżel in-nefħa ta' gundalla biżżejjed tidlikha bil-butir u torbot sold (munita) fuqha, filwaqt li patata maqsuma imxappa fil-ħall u marbutha mar-ras kienet tnizżel id-deni. Għal xi musmar maqlub jew traċna kienu jagħmlu ġbara bil-ħalib (bħal mistura) u qalba tal-ħobż marbuta fuqhom, u l-fintusa kienet issir għall-uġigħ tad-dahar billi titqabbad biċċa ċarruta fuq dahar dak li jkun u mbagħad tigi fgatha b'tazza. Billi fit-tazza ma kienx jibqa' arja, it-tazza kienet teħel sewwa mal-parti muġugħa.*

*Il-karatteristika ta' kważi kull dar qadima li hawn il-Munxar hi l-loġoġ. Kull meta kienu jibnu kienu jieħdu ħsieb li l-loġoġ li jtellgħu jkunu jħarsu lejn ix-xemx għal ġo nofsinhar. Hekk, per eżempju, fi Triq Munxar, il-loġoġ li hemm in-naħa tal-lemin hekk kif wieħed ikun nieżel 'l isfel qiegħdin fuq in-naħa ta' quddiem, fil-waqt li n-naħa tax-xellug qiegħdin fuq in-naħa ta' wara. Kull dar kellha bir li kien jinżamm nadif xammiema. Kien jintuża għall-ħasil u għas-siqi tal-bhejjem u xi drabi anke biex jixorbu n-nies. Meta kienet taqa' xi landa jew xi barmil kienu jramplu għalih bir-rampila jew bir-rampil, li kellu iktar swaba'.*

*L-ilma kien jinġarr minn fuq il-għajn. Kien ikun hemm anke min kien ikollu xi qolla tal-fuħħar li kienet iżżomm l-ilma frisk jew xi bomblu li kien iżgħar. Iż-żir, li kien ukoll tal-fuħħar, kien jintuża biex jaħżnu l-ġobon tal-bżar ġo fih.*



**Benniena tradizzjonali ta' l-ixkora**

It-twelid kien isir id-dar. Dan m'ilux xi dinja li nqata'. Kienet tiġi l-midwife jew qabla li kienu jgħidulha l-majjistra. Meta t-tfal jitfarfru u jibdew jieklu xi ikel solidu, l-ommijiet kienu jomogħdulhom l-ikel u jpoġġuhulhom f'ħalqhom. Għar-rqad kienu jpoġġuhom ġol-benniena li kienet tinżamm miftuħa b'fettieħa f'kull tarf tagħha u tiddendel ma' żewġ grampuni fil-ħajt, u meta jibdew iżommu fuq saqajhom u jitilqu xi pass kienu jqiegħduhom fil-kannizz biex jitgħallmu jimxu. Il-ġenituri kienu jibżgħu li t-tfal jiġu mgħajna, u meta xi ħadd kien jikkumplimentahom għax ikunu sbieħ u mbaċċin kienu jgħidu " ħarsu mill-għajn."

Anke l-mewt kienet tkun id-dar u ġod-dar kien ikun ukoll esponut il-katavru. Waqt il-mewt kienet tindaqq l-agunija mill-kampnar u kulħadd, kif jiġri wkoll illum, kien juri ħafna solidarjetà mal-familja tal-mejjet. Il-vistu kien itwal ħafna mil-lum u għal membru fil-qrib tal-familja kien idum tliet snin.

Sew it-tpartit jew engagement kif ukoll il-festa tat-tieġ kienu jsiru d-dar. Kienu jisselfu xi siġġijiet minn għand ta' ġewwa jew minn għand il-ġirien għax ħadd ma kien ikollu dawk is-siġġijiet kollha għal daqshekk mistednin. Kien jitqassam il-ħelu u x-xorb. Ma kienitx tiġi orkestra, iżda xorta waħda kienet tkun okkażjoni ta' ferħ.

Dari, bħalma hu llum, ħafna Għawdxin kienu jitilqu lejn Malta biex ifittxu x-xogħol. Hekk kien u hekk għadu. Għawdex żgħir wisq biex joħloq xogħol għal kulħadd, u ħafna jkollhom idabbru rashom band'oħra.

Missieri kien wieħed li, bħal ħafna li kienu jaħdmu fil-barrieri, kellu jitlaq lejn Malta: is-Siġġiewi, l-Imqabba, il-Qrendi, Tal-Balal... Xi familji Għawdxin, biex jiffrankaw li joqogħdu jterrqu kull ġimgħa bejn Malta u Għawdex, kienu jbiegħu dak li jkollhom Għawdex, jaqbdu l-familja u jitilqu b'kollox għal dejjem Malta. Hekk għamel iz-ziju Kalanġ li konna ngħidulu l-barba. Kalanġ qabad il-mara u l-ħdax uliedu, li kienu diġà mfarfrin u s-subien kienu bdew jaħdmu miegħu Tal-Balal, u mar joqgħod Birkirkara. Illum il-barba m'għadux magħna, iżda nislu nfirex ma' Malta kollha.

It-trasport bejn Malta u Għawdex ma kienx komdu kif tipprovdih il-Gozo Channel illum. Il-ħaddiema kienu jitilqu t-Tnejn filgħodu, igeżwru dak li jkollhom ġo ċurniena bajda, u mbagħad jiġu s-Sibt ta' wara wara nofsinhar. Darba minnhom, għal xi raġuni jew oħra, il-vapur dam ma ġie u niftakar li fit-triq tagħna qamet konfużjoni sħiħa. Kienet ix-xitwa u l-ħin kien għamel sewwa u ħadd ma kien jaf għaliex il-vapur ma wasalx. Fl-aħħar deħru ġejjin bil-mixi, missieri magħhom, u tgħidx x'nifs 'il ġewwa ġibdu dawk li kienu jistennew. Jien, ngħid għalija, kont inkun ħerqan biex jasal is-Sibt. Kont noqgħod fuq il-għatba tal-bieb nistenna 'l missieri u l-ħelu li kien iġibli miegħu.

Meta mbagħad bdiet il-gwerra, kif għamlu ħafna baqquniera oħra, missieri sab xogħol hawn Għawdex iħaffer ix-xeltrijiet u ma baqax imur iktar Malta. Ma kienetx xi xalata tmur ġo dik ix-xita ta' bombi! Meta bdew jiġu l-ajruplani Ġermaniżi kienu jimmaxingjaw kulma jaraw jitħarrek fuq l-art u fuq il-baħar. Kienu jinżlu jisparaw fuq id-dgħajjes li jaqsmu bejn Malta u Għawdex, u sparaw anke fuq ix-xarabanks, bħal meta nizżlu jattakkawhom Savina fejn kien miet driver u meta niżlu għax-xarabank hi u nieżla bin-nies min-Nadur. Hawn ukoll kien miet xi ħadd.

'Mnalla kien is-Sibt meta ntlaqtet l-iskola Ta' Sannat għax kienet tkun l-ikbar traġedja għall-Munxar billi t-tfal kollha kienu jattendu din l-iskola, kif għadhom anke llum. Din semmejniha f'ħarġa oħra, kif semmejna wkoll il-mewt traġika taż-żagħżugħ Twanny Hili. Però ta' min isemmi wkoll illi bomba kbira mhux ħażin waqgħet xi mkien l-Armaġġ. Din jien kont rajtha nieżla ssaffar minn fuq l-ajruplan. Darba filgħodu, kif konna għall-quddiesa tas-sebgħa, nisimgħu splużjoni kbira. Mine kienet ħabtet mall-moll ix-Xlendi u l-ħoss baqa' tiela' jfaqqa' u jirbombja mal-Wied. Kien ikun hemm ħafna mini ankrati fil-baħar u kull tant kienet tinqata' xi waħda minnhom u l-kurrent kien idaħħalha 'l ġewwa. Sajjied kien ukoll miet ix-Xlendi b'mina li hu kien sab tgħum f'wiċċ il-baħar u li hu kien refa' fil-maħżen tiegħu. Mina oħra kienet mgħarrqa l-Kantra. Kienet tidher mill-wiċċ meta l-baħar ikun qiegħed. Xi żgħażagħ mix-Xagħra kienu jiġu jgħoddsu u jiġbru l-isplussiv minnha biex jagħmlu l-murtali għall-festa. Dak sogru! It-Torri tax-Xlendi kien hemm l-Għassa li, minn għalija, kien Ġorġ Muscat tad-Diqq, minn Sannat. Ma nafx jekk kienx hemm xi ħadd ieħor miegħu.

*Xi diżgrazzji waħda 'l hawn u oħra 'l hinn ma jistgħux jonqsu avolja fi żmien il-paċi, bħal meta nħarqet tifla tal-familja Cauchi tal-Panien. Dil-familja kienet telqet b'kollox minn ta' l-ewwel lejn l-Awstralja. It-tfal kienu qabbdu xi ħatab u ħuxlief biex jagħmlu ħuġġieġa fi Triq 12 ta' Diċembru 1957, u dit-tifla żgħira, li mingħalija kien jisimha Reġina, waqgħet minn fuq il-ħajt minn fejn kienet għaddejja, ġiet ġon-nar u nħarqet. Kif kienet inħarqet Karmni Muscat ta' Karm meta qabditilha l-kuċiniera. Karmni mietet l-isptar.*

*Avolja għalfejn illum it-traffiku kien ftit li xejn, xorta kienu jinħolqu l-aċċidenti. Raġel mix-Xewkija baqa' nieżel bil-bicycle b'kollox għax ma darx il-kantuniera tad-Dawwara. Qabel ma tefgħu t-terrapien li hemm illum, kien hemm l-għoli u dan ħadha minn fuq għal isfel. Kien weġġa' gravi u għandu jkun li kien miet l-isptar. Minn dan il-post kien waqa' wkoll xi ħadd minn Sannat. Did-darba b'mutur.*

*Fi żmien il-gwerra kienu ntbagħtu xi ħwejjeġ, żraben, eċċ., biex jitqassmu b'xejn lill-popolazzjoni. Kienu bagħtu lott minn dawn Għawdex biex jitqassmu minn ġo xi uffiċċju jew xi dar ir-Rabat. Tant għamlet għalihom in-nies, tant iffullat u rasset, illi sfrundaw il-parapett u kulħadd mar għal isfel. Bilħaqq, missieri kien akkwistali żarbun! L-istess bħalma, wara l-gwerra, bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet tar-rebħa, kienu saru xi logħbiet tal-boxing minn nies tas-Servizzi fil-pjazza tat-Tokk. La f'San Ġorġ u l-anqas f'Santa Marija dil-pjazza ma rat daqshekk nies. Meta kulħadd telaq kien baqa' biss il-bankijiet tal-ħadid imċaftrin mal-art.*

*Meta miet ir-Re Ġorġ VI (6 ta' Frar 1952), bħala sinjal ta' luttu l-festa ta' San Pawl ma saritx. Il-murtali kienu lesti u tħallew għas-sena ta' wara. It-tir, flok ma sar bħas-soltu bil-porvli, sar b'taħlita ta' faħam u xi ħaġa oħra miegħu. Meta ġew biex jaħarqu l-murtali s-sena ta' wara din it-taħlita kienet umdat u l-kaxxa nfernali ħadet tir wieħed isfel! Għamlet ħofra daqs qiegħa u kien miraklu li ma weġġa' ħadd.*

---

Noti:

[1] Mhux kull min kellu t-tiġieġ għall-bajd kien iżomm serduq id-dar. Ir-raġuni kienet li serduq irid jiekol kuljum u ma jrodd xejn lura, mhux bħat-tiġieġ li jagħtuk il-bajd! Allura, dak li jkun, biex iqiegħed xi tagħqida bajd taħt il-qroqqa biex inissel flieles ġodda, kien jagħti tużżana bajd (jew iżjed) lil min kien ikollu serduq mat-tiġieġ, u dan ta' l-aħħar jagħtih l-istess ammont ta' bajd fertilizzat. Min jakkwista l-"bajd tas-serduq" kien jagħti bajda fuq ir-riħ bħala ħlas lil sid is-serduq.

[2] Bħala sawma, dawn it-tfal kienu jmorru jittallbu seba' biċċiet ħobż mingħand seba' persuni differenti - normalment nies ta' ġewwa - , u jgħaddu bihom il-ġurnata kollha.


**SPORTSMANIA**

***Sports & Stationery***

Tel: 2155 8786
Triq Fortunato Mizzi,
Victoria Gozo.

**Best Prices on Stationery**

**Adidas**
**Nike**
**Puma**
**Reebok**

Tennis
Billiards
Football
Runners

***Trophies with best prices in Gozo***